KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 57 – IL-ĦAMIS 16 TA' MARZU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**57.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

57.1.1 Ma kienx hemm.

**57.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

57.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (56) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

57.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

### 57.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

57.3.1 Ma kienx hemm.

### 57.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

57.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kien irċieva ittra mingħand l-Ex Sindku Joseph Buttigieg fejn ressaq suġġeriment ferm interessanti għal-lokalità tal-Iklin u l-lokalitajiet ġirien fejn prattikament qed jitlob lill-Kunsill Lokali L-Iklin biex jingħaqad mall-Kunsilli ġirien biex ikun hemm forza akbar biex issir proposta lill-Gvern sabiex B'Kara By-Pass tiġi ttrasformata fi ġnien/park għat-tgawdija tar-residenti filwaqt li t-traffiku jmur *underground* bħal ma ġie propost għal-lokalità ta' Floriana u aktar riċenti fil-lokalità ta' San Ġwann. Ċertament dan huwa proġett kapitali u dan l-investiment irid isir mill-Gvern. Is-Sur Buttigieg semma li r-residenti jixirqilhom kwalità ta' ħajja aħjar u dan il-proġett joffri benefiċċji ambjentali kbar.

Proġett ieħor interessanti li qed jitlob lill-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tiegħu jhuwa dwar in-numru ta' raba' li fadal fil-ġurisdizzjoni tal-Iklin fejn wieħed jista jikkreja spazji miftuħa għat-tgwadija tar-residenti. Innota li ħafna minn din ir-raba' u l-mogħdijiet huma kollha labelled 'private property' u ma jagħtux ċans lil dak li jkun biex jersaq lejn din iż-żona rurali. Dawn 'l hekk imsejħa *private properties* qed iċaħħdu lill-pubbliku li jħobbu n-natura milli jgawdu dawn iż-żoni rurali.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li s-Sur Buttigieg kien voċiferu dwar l-aspett ambjentali anke fil-laqgħa tal-lokalità għaliex huwa tassew ikkonċernat dwar l-iżvilupp li għaddej b'detriment għar-residenti tal-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras wiegħed li kien ser jibda diskussjoni mas-Sindku ta' B'Kara biex iressqu 'l quddiem dawn il-proposti lill-awtoritajiet bil-ħsieb li jintlaqgħu dawn il-proposti u jiġu esegwiti.

57.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għadda komunikat lill-Kunsill dwar it-tneħħija tas-servizz offrut mill-entità Tech.mt li kien qed jiġi ffinanzjat mid-Diviżjoni.

Jirriżulta li sar eżerċizzju dwar l-użu ta' kull Wi-Fi point eżistenti fil-lokalitajiet matul il-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu u l-1 ta' Frar 2023. Jidher li skont l-eżerċizzju li sar, diversi points mhux qed jaqbżu il-540 hit jew addirittura ma jintużaw xejn.

Għalhekk ġie deċiż li dawn il-points jiġu terminati minħabba l-fatt li l-użu tagħhom mhux jintuża biżżejjed u għaldaqstant ma baqax sostneibbli.

## 57.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

57.5.1 Ma kienx hemm.

## 57.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

57.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-15 ta' Frar u l-14 ta' Marzu 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

57.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 483/23. SPI 03/2023 – The World CleanUp Campaign 2023

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu ġew imħabbra l-ewwel parti tal-iskemi mill-Onor. Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli maħruġa mid-Direttorat.

**COMPLAINTS SHEET (15th February - 14th March 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 52 | 16/02/2023 | Resident minn Triq il-Prinjol qed jitlob li jsiru double yellow lines faċċata tal-garaxx għaliex peress li l-entratura tal-garaxx hija dejqa u jkun hemm il-vetturi pparkjati faċċata, il-vetturi mhux qed ikunu jistgħu jimmanuvraw. | pending | Villa Doppia V, Triq il-Prinjol | **Council** |
| 53 | 16/02/2023 | Triq il-Wied u Triq il-Ħwawar kollha maqtugħa mid-dawl | settled | Triq il-Wied,Triq il-Ħwawar | **Enemalta** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 54 | 16/02/2023 | (2) wall mounted luminaire fuq arblu maqtugħa fi Triq A Gerada. | Settled | Triq A Gerada | **Enemalta** |
| 55 | 15/02/2023 | (1) wall mounted luminaire maqtugħa mall-faċċata ta' residenza nru. 4 Triq Ġ. Galea | Settled | Triq G Galea | **Contractor** |
| 56 | 17/02/2023 | Bozza mal-hajt maqtugha mal-faccata : 30 Triq Dwardu Cachia | settled | Triq D Cachia | **Contractor** |
| 57 | 17/02/2023 | Id-dawl ta' barra ta' Triq il-Wied u Triq il-Ħwawar mhux jixgħel | settled | Triq il-Wied, Triq il-Ħwawar | **Enemalta** |
| 58 | 17/02/2023 | Id-dawl ta' barra ta' Triq il-Wied u Triq il-Ħwawar mhux jixgħel | settled | Triq il-Wied,Triq il-Ħwawar | **Enemalta** |
| 59 | 17/02/2023 | Hemm manhole cover tagħmel ħafna storbju fi Triq il-Wied quddiem no. 168 | settled | Triq il-Wied | **IM** |
| 60 | 20/02/2023 | Hemm manhole cover 'loose' u tagħmel ħafna storbju fi Triq il-Wied quddiem no. 135 | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 61 | 20/02/2023 | Talba għal double yellow lines mall-ġnub taż-żewġ garaxxijiet no. 27 fi Triq G E Mercer għaliex il-vetturi qed jipparkjaw eżatt magħhom | pending | Triq G.E Mercer | **Council** |
| 62 | 20/02/2023 | Tabella li taqra 'No Parking' biex tinbidel minħabba l-wear & tear fi Triq Ġwann Mamo fejn il-bollards | pending | Triq Ġwann Mamo | **Council** |
| 63 | 20/02/2023 | 34, Triq Ġwann Mamo biex jerġgħu jinżebgħu l-marki tat-toroq. | pending | Triq Ġwann Mamo | **Council** |
| 64 | 20/02/2023 | Residenza nru. 17, Trejqet Rumanzieri, boroz tal-iskart mhux qed iħallihom wara biebu. | settled | Trejqet Rumanzieri | **Council** |
| 65 | 22/02/23 | Kennies mhux imur jiknes fi Triq il-Wied c/w Triq il-Ħwawar. | pending | Triq il-Wied,Triq il-Ħwawar | **Cleansing** |
| 66 | 23/2/23 | Ħmieġ ta' fdalijiet tal-animali bħal xewk fil-ħaxix u ħmieġ tal-klieb fuq il-bankina f'Wesgha Lewis J. B. Scicluna | pending | Wesgħa Lewis J. B. Scicluna | **Cleansing** |
| 67 | 23/02/2023 | Ingema' ħafna tajn f'Wesgħa Lewis JB Scicluna | pending | Wesgħa Lewis J. B. Scicluna | **Cleansing** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 68 | 25/02/2023 | Sleeping policeman maqlugħa u bolts 'il barra fi Triq Ċensu Busuttil c/w Triq Ġuzè Galea | pending | Triq Ċ Busuttil | **Council** |
| 69 | 26/02/2023 | Talba għal yellow line markings quddiem il-garage fi Triq A M Galea għaliex qed jipparkjaw quddiem il-garage. | pending | Triq AM Galea | **Council** |
| 70 | 28/02/2023 | Bozza nru L03628 maqtugħa fuq arblu fi Triq Giorgio Locano | pending | Triq G Locano | **Enemalta** |
| 71 | 28/02/2023 | Talba biex tinkines Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **Cleansing** |
| 72 | 02/03/2023 | Triq Ġ Pesci c/w Triq Mons C Aquilina, siġra ħierġa 'il barra fuq bankina | pending | Triq Ġ Pesci | **Council** |
| 73 | 02/03/2023 | Quddiem no. 73 fi Triq Ġ Abos, bankina saritilha ħsara ikkawżata minn truck | settled | Triq Ġ Abos | **Council** |
| 74 | 03/03/2023 | Trejqet il-Poeti garage fih qed jaħdmu u qed jarmu l-kaxxi u affarjiet fuq il-bankina | pending | Trejqet il-Poeti | **Police** |
| 75 | 03/03/2023 | Hemm garaxx li qed jaħdmu fih fi Trejqet il-Poeti li rmew kaxxi u kanen fuq il-bankina | pending | Trejqet il-Poeti | **Community Policing** |
| 76 | 03/04/2023 | Bozza maqtugha L00828 fuq arblu f Triq il-Ħarruba | pending | Triq il-Ħarruba | **Enemalta** |
| 77 | 03/06/2023 | Talba biex issir *refreshing* ta' żebgħa fi Triq Patri M Vella | pending | Triq Patri M Vella | **Council** |
| 78 | 03/08/2023 | Parti mill-bankina nieqsa fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **Council** |
| 79 | 09/03/2023 | Talba biex jinbidel il-barrier li hemm fi Triq Dun Karm c/w Triq ES Inglott għax miksur | pending | Triq Dun Karm c/w Triq ES Inglott | **Council** |
| 80 | 09/03/2023 | Bozza fuq arblu maqtugħa fi Triq Karmenu Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **Enemalta** |
| 81 | 03/11/2023 | Ilma ħiereġ taħt bankina 47, Triq Ġuzeppi Calleja | pending | Triq Ġuzeppi Calleja | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 82 | 11/03/2023 | Triq in-Naxxar c\w Triq il-Klin ħarġu l-kartun u gablo qed itir bir-riħ u ta' periklu għal vetturi | pending | Triq in-Naxxar | **Cleansing** |
| 83 | 13/03/2023 | Minħabba li fetaħ stabbiliment ġdid, ir-residenti qed isibu diffikulta' biex jipparkjaw f'din iż-żona. | pending | Triq San Mikiel | **Council** |
| 84 | 13/03/2023 | Intlaqtet mera tat-traffiku fi Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **Council** |
| 85 | 14/03/2023 | Talba għal tabella biex ma jintremiex żibel fil-kantuniera | pending | 2, Triq Dun Karm | **Council** |
| 86 | 14/03/2023 | Hemm doggy bin ta' Triq Ċ Busuttil imfawwar | Settled | Triq Ċ Busuttil | **Cleansing** |

## 57.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

57.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

57.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

57.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 57.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

57.8.1 Applikazzjoni PA 00929/23 – 44, Rosaire, Triq Richard Taylor, L-Iklin. 'Change of façade materials.

57.8.2 Applikazzjoni PA 01018/23 – 59, Triq il-Wied, L-Iklin. 'Proposed internal and external alterations to villa covered by RG/1114/22, including extension to outdoor area and at roof level, and further excavation to enlarge domestic store at basement level.

57.8.3 Applikazzjoni PA 01052/23 – Casa Blanca and Ta' Mari Roż, Triq Ħal Għargħur L-Iklin. 'To divide existing residence into two separate residences. To affect additions and alterations to property by affecting change of roofs and extensions at the rear.

57.8.4 Applikazzjoni PA 01083/23 – 146, Hillside, Triq il-Wied c/w Triq il-Bruka L-Iklin. 'Demolition of existing bungalow, general excavation to bring site to required levels and construction of the two semi-detached bungalows including raising of boundary walls.

## 57.9 MOZZJONI DWAR KUMMISSJONI TA' ABBOZZ GĦAL STATWA TAL-ĠEBEL LIFE-SIZE F'WESGĦA J.B. SCICLUNA

57.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jiġi kkummissjonat artist lokali biex iħejji abbozz biex tinħadem jew aħjar tiġi skolpita statwa tal-Madonna fil-materjal tal-franka f'Wesgħa J B Scicluna. Is-Sindku spjega l-ħsieb wara dan il-proġett propost u qal li jixraq li f'din il-Wesgħa jkollna statwa artistika tal-Madonna tal-Għoqiedi.

57.9.2 Imbagħad wara li nqrat il-mozzjoni, is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

57.9.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar l-ispiza tal-abbozz u anke dwar l-ispiza ta' life-size peress li ċ-ċifra kkwotata għal life-size teċċedi Eur10k u allura jistaqsi jekk il-Kunsill jistax imur għal *direct order*.

57.9.4 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li kien talab lid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jieħu direzzjoni qabel ma ppreżenta din il-mozzjoni. Informa li f'każijiet eċċezzjonali, l-Awtorità Kontraenti tista tmur għal *direct order* jekk jinġieb l-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru jew tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru.

Is-Sindku Dott. Sciberras kien qed jikkwota l-Liġi Sussidjarja 601.03. F'dan il-każ partikolari, meta tiġi biex tikkummissjona opra ta' arti lill-artist tal-għażla tiegħek, ma tistax tmur għal akkwist pubbliku.

Rigward il-fondi, is-Sindku kien ħabbar li l-Kunsill Reġjonali Lvant alloka vot ta' Eur35K għal proġetti ta' titjib fil-lokalità u għaldaqstant il-Kunsill jista japplika għal dan il-fond biex niksbu l-fondi meħtieġa biex isir dan il-proġett ta' tisbiħ u titjib f'Wesgħa J B Scicluna. Ikkonkluda li tkun ħasra li l-Kunsill jitlef fondi disponibbli għall-Kunsill biex iwettaq proġetti.

57.9.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar l-għażla tal-istatwa peress li fl-Iklin nsibu l-Parroċċa ddedikata lill-Familja Mqaddsa.

57.9.5 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill għandu jżomm mal-istatwa li hemm illum bix-xbieha tal-Madonna għaliex minkejja li m'għandha l-ebda valur artistiku, però b'rispett lejn min kien ħa din l-inizzjattiva li ssir din l-istatwa, is-Sindku qed jirrakkomanda lill-Kunsill biex is-suġġett ma jinbidilx.

57.9.6 Wara diskussjoni wiesgħa u matura, imbagħad is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-vot u cioè biex f'dan l-istadju japprovaw u jawtorizzaw l-ispiza tal-abbozz lill-artist Joseph Micallef.

57.9.7 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E Mozzjoni nru. IX-57-7)**

## 57.10 MOZZJONI DWAR PROPOSTA GĦAL TISMIJA TA' TRIQ LI PREŻENTEMENT M'GĦANDHIEX ISEM UFFIĊĊJALI

57.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-proposta għal tismija ta' triq li preżentement m'għandhiex isem uffiċċjali. Informa li kien avviċinat il-Prof. Charles Briffa, resident mill-Iklin biex jassisti lill-Kunsill f'dan il-kompitu speċifiku.

57.10.2 Wara li nqrat il-mozzjoni u ġiet diskussa mill-preżenti, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq il-mozzjoni għall-vot.

57.10.3 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jagħmel ir-rakkomandzzjoni tiegħu bl-isem magħżul ta' Triq/Sqaq Fulija lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

57.10.4 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

**(Ara dok. F  Mozzjoni nru. IX-57-8)**

**57.11 MOZZJONI DWAR PROPOSTA TA' STEMMA ĠDIDA IN KONNESSJONI MAL-IKLIN COMMUNITY PROJECT**

57.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras talab lill-Kunsillieri preżenti biex din il-mozzjoni tiġi ppreżentata fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

57.11.2 Il-Kunsill qabel unanimament.

**57.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-EVALUATION REPORT TAL-AKKWIST PUBBLIKU ILC/T/2/22**

57.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Evaluation Report li kien ippreparat mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni ta' Tender.

57.12.2 Ir-rapport isemmi li l-offerenti kienu erba u wara li l-erba offerenti kienu Administrative & Technically Compliant, l-aħħar proċess kien jitratta l-Financial evaluation fejn il-Kumitat mar għall-orħos offerta.

Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni qed jirrakkomanda lill-Kunsill biex l-akkwist pubbliku jintrebaħ mill-orħos offerent għall-prezz ikkwotat skont il-figura ikkwotata fl-akkwist pubbliku. F'dan il-każ, hemm żewġ offerenti bl-istess prezz u fuq direzzjoni tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, il-kuntratt għandu jingħata liż-żewġ offerenti u jinqasam ugwalment fejn l-ewwel kuntrattur jagħmel it-terminu ta' sentejn u eventwalment jidħol it-tieni kuntrattur u jkompli it-tieni terminu ta' sentejn.

57.12.3 Il-Kunsill iddeċieda unanimament li kellu joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni.

57.12.4 Kien deċiż li kif appena jgħaddi ż-żmien tal-appell, il-Kunsill ikun jista jipproċedi biex jiġi ffirmat il-kuntratt.

**(Ara dok. Ġ)**

**57.13 ATTIVITAJIET KULTURALI 2023**

57.13.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ diskussjoni dwar l-attività kulturali annwali fejn qal li issa li ninsabu Post COVID-19 il-Kunsill jista jippjana l-attività fuq kif kienet issir sa ftit tas-snin ilu.

57.13.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq qafas tal-programm għall-interess tal-Kunsillieri preżenti u naturalment dan is-suġġett kien miftuħ għad-diskussjoni.

Is-Sindku kompla billi qal li preżentement l-Uffiċċju Amministrattiv kien qed jaħdem fuq networking ma' fornituri li jissupplixxu l-fjuri, kumpanniji taż-żfin, Ekomarket Malta, l-għaqdiet tal-lokal u individwi mil-lokal biex jipparteċipaw f'din l-edizzjoni.

Rigward il-mini infiorata, kien qed jiġi proposa li t-tapit tal-fjuri jsir fin-nofs ta' Triq Anton Buttigieg peress li t-triq tippermetti u jeżisti *set-up* naturali permezz ta' *soft landscaping* eżistenti u s-siġar kbar li jipprovdu ftit kenn mill-elementi tax-xemx.

57.13.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet jekk il-Kunsill jikkunsidrax li l-attività kulturali ssirx filgħaxija.

57.13.5 Il-Kunsillier Emanuel Zammit qal li huwa kien lest li jagħti l-kontribut tiegħu għal din l-attività filwaqt li saħaq li l-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibbli biex il-komunità tal-Iklin tagħti l-appoġġ sħiħ lil din l-attività.

57.13.6 Wara diskussjoni wiesgħa, kien finalment deċiż li l-Kunsill għandu jirrisolvi f'Kumitat biex jiddiskutu l-loġistika.

57.13.7 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kollox kien għadu miftuħ għad-diskussjoni però kien importanti li l-Kunsill jiffissa data biex nibdew nikkonfermaw lill-kuntratturi.

57.13.4 Kien deċiż li d-data tal-attività kulturali 'Festa Fjuri 2023' ssir nhar is-Sibt, 27 ta' Mejju 2023 fi Triq Anton Buttigieg.

57.13.5 Is-Sindku Dott. Sciberras imbagħad ressaq proposta oħra dwar attività ġdida biex tittella fl-apert fil-lokalità tal-Iklin. Is-Sindku informa li kellu laqgħa fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-ħsieb li jittella kunċert live bit-tema 'Elvis Tribute Tour 'One Night With You'. Kompla billi qal li dan il-proġett propost għandu jkun primarjament għall-komunità tal-Iklin u sintendi miftuħ għall-pubbliku inġenerali.

Is-Sindku semma li jixtieq jagħti prominenza lill-Iklin permezz ta' dan il-kunċert u ċertament għandu jattira attendenza numeruża anke wara *release* tal-Movie 'Elvis'. Informa li l-lokalità tal-Iklin ipproduċiet artist żgħażugħ li jippersona lil Elvis Presley b'ċertu passjoni u mħabba *u akklamat bħala wieħed mill-aqwa impersonators* ta' Elvis fid-dinja. Is-Sindku jemmen li dan il-proġett għandu potenzjal li jkun suċċess u naturalment jiżdied mal-lista tal-attivitajiet li ġew organizzati fil-lokalità tal-Iklin.

Is-Sindku irrefera għall-fondi disponibbli mill-Kunsill Reġjonali Lvant għal proġetti kulturali, sports mużika u Jum il-Lokal fejn il-Kunsill jista jibbenifika sa Eur13K biex jinżammu dawn il-proġetti.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill jista japplika għal dawn il-fondi biex jagħmel użu minnhom biex jittella dan il-kunċert fl-apert fi Triq San Mikiel L-Iklin. Is-Sindku jemmen li s-sit propost huwa wieħed spazjuz u jistgħu jsiru anke l-arranġamenti neċessarji biex ikun jista jintuża l-parkeġġ on a *first come first served basis*. Din l-attività għandha tkun esperjenza ħelwa u divertenti għall-kumunità tal-Iklin u sintendi l-pubbliku inġenerali.

57.13.6 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar xi tkun l-ispiża biex jittella dan il-kunċert u jekk il-marketing għal dan l-*event* ikunx ġestit min-naħa tal-artist. Kompla billi qal li ma jsibx oġġezzjoni jekk il-Kunsill isib il-fondi biex jittella dan il-kunċert.

57.13.7 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li skont l-estimi finanzjarji biex jittella kunċert ta' din ix-xorta, qed jikkalkula li l-ispiża tlaħħaq circa Eur12K. Jekk il-Kunsill jitlaq għal dan il-proġett propost, ikun jista jfittex u jaħdem fuq *sponsorships* ukoll.

57.13.8 Wara diskussjoni wiesgħa, kien hemm qbil unanimu fil-kunċett dment li l-Kunsill isib il-fondi biex jassorbi din l-ispiża.

57.13.9 Fl-aħħarnett, kien deċiż b'mod unanimu li din l-attività għandha ssir fix-xhar ta' Lulju.

## 57.14 RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U DISINN RIVEDUT GĦALL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-KUNSILL

57.14.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar proġett propost ambizzjuz li dan il-Kunsill beda jaħdem fuqu sa mill-bidu ta' din il-leġiżlatura l-ġdida. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien approva l-ħsieb li l-ispazju miftuħ jista jiġi ttrasformat u integrat flimkien mall-playing field u l-ġnien eżistenti b'mod li ssir riġenerazzjoni ta' din iż-żona li tista tgħid hija l-qalba ta' din il-lokalità fejn issib il-knisja parrokkjali, ħwienet, spazju miftuħ, playing field u ġnien. Qabel ma s-Sindku għadda l-kelma lill-Perit tal-Kunsill li ġie mistieden biex jagħmel preżentazzjoni tad-disinn u l-pjanti riveduti, informa li l-proġett ġie estiż biex ikopri l-binja tal-Kunsill, isir ri-lokazzjoni tal-playing field u assigura li s-siġar mhux ser jiċċaqlaq xejn. Skont il-pjanti riveduti tal-Kunsill, l-ebda siġra mhu ser titneħħa.

57.14.2 Imbagħad il-Perit Matthew Casha għamel preżentazzjoni billi ssottometta disinn rivedut li fiha kien ukoll inkorporat l-binja tal-Kunsill. Fid-disinn rivedut, il-Perit semma l-ideja ta' dog park fejn hemm qatgħa ħamrija 'l isfel mill-ġnien u l-playing field li tista tiġi integrata u tagħmel parti minn proġett sħiħ. Għamel riferenza għall-immaniġġjar tat-traffiku fejn spjega li ta attenzjoni massima lill-parkeġġ u spejga li f'dan id-disinn propost, il-parkeġġi ġew *re-configured* b'mod li jistgħu jiġu ddisinjati fil-forma ta' *fishbone*. Skont il-Perit, spjega li m'għandux ikun hemm tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku eżistenti. Fid-disinn propost, il-parkeġġi ġew shifted u ma tneħħewx. Fakkar li parti mir-riġenerazzjoni tal-ispazju miftuħ huwa l-kunċett ta' *semi-pedestrianization*.

Fir-rigward tal-binja tal-Kunsill, il-Perit spejga li l-binja tiġi bejn wieħed u ieħor metru u nofs 'il fuq mil-livell tal-ispazju miftuħ eżistenti. Il-pjan ikun li jsir l-iskavar b'mod li ninżlu l-livell ta' fejn hemm il-playing field illum biex l-għoli tal-binja ma tiġi metru u nofs 'il fuq mit-triq.

B'dan il-mod, mhu ser jinħoloq l-ebda intrużjoni viżwali filwaqt lis-saqaf tal-binja ikun inkorporat mal-kumplamen t tal-playing field u l-ġnien. Il-Perit kompla li s-saqaf tal-binja jista jiġi żviluppat f'*roof garden*.

57.14.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-disinn.

57.14.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa jekk permezz ta' dan id-disinn rivedut ippreżentat mill-Perit li skont l-istess spjegazzjoni tal-Perit qed tinkludi wkoll binja, staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jibqa mal-budget ta' Eur300k.

57.14.5 Il-Perit Casha wieġeb li l-akbar spiża f'dan il-proġett huwa x-xogħol tal-iskavar u l-binja. Spjega wkoll li dan il-proġett jista jiġi *phased*. Kompla billi qal li bid-disinn ippreżentat, m'aħniex ser inkunu far-off miċ-ċifra ta' Eur300k u informa lill-preżenti li kien qiegħed jipprepara l-Bill of Quantities.

57.14.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa il-Perit ħasibx għal riserva tal-ilma fid-disinn biex it-tisqija tkun waħda sostenibbli.

57.14.7 Il-Perit Casha ikkonferma li r-riserva tal-ilma se tkun ippjanata għal taħt il-binja tal-Kunsill.

57.14.8 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Perit jekk il-proġett idum biex jimmatura minħabba raġunijiet varji fosthom id-disponibbiltà tal-fondi, l-ħruġ tal-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, il-proċess tal-akkwist pubbliku, ix-xogħlijiet infrastrutturali, il-Bill of Quantities li qed jinħadem illum jibqax validu sa ħames snin oħra.

57.14.9 Il-Perit Casha wieġeb li kif inhu s-suq illum bil-prezzijiet dejjem telgħin 'il fuq, qal li kien ser jaħseb għal kontinġenza.

57.14.10 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li preżentement jeżistu opportunitajiet ta' fondi fosthom Green Projects peress li l-proġett propost isemmi urban greening.

Fl-eventwalità li jimxi 'l quddiem dan il-proġett, il-Kunsill għandu jitkellem mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar il-binja tal-Kunsill biex jappoġġja finanzjarjament dan il-proġett.

Fakkar ukoll li fil-bidu ta' din id-disa leġiżlatura, il-Kunsill kien kiteb lill-Awtorità tal-Ippjanar, preċiżament lis-sezzjoni ta' Development Planning Fund biex ninfurmaw li l-Kunsill Lokali L-Iklin qed jaħmi proġett kapitali u se jkun qed juża l-fondi li hemm ipparkjati għal dan il-proġett.

57.14.11 Is-Sindku Dott. Sciberras żied jgħid li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-fondi ta' Development Planning Fund tramite l-Kunsill Reġjonali Lvant biex il-Kunsill ikun eliġibbli għall-finanzjament 100%.

57.14.12 Wara diskussjoni matura, il-Perit tal-Kunsill qal li fuq direzzjoni tal-Kunsill, is-suġġeriment tiegħu ikun li nibdew nissottomettu d-dokumentazzjoni lill-Awtorità tal-ippjanar biex jibda l-proċess ħalli l-Kunsill jottjeni tracking number u eventwalment planning application number.

57.14.13 Is-Sindku Dott. Sciberras jemmen li dan il-proġett jista jaħdem għax ser ikun eżattament kif kienu talbu l-MEPA fl-applikazzjoni li kien daħħal Kunsill preċedenti meta ried jibni l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Skont is-Sindku, b'dak li qed jiġi propost, ser niġu eżatt bir-rakkomandazzjoni li kienet tat l-Awtorità tal-Ippjanar dak iż-żmien, prattikament dak li żamm il-permess milli joħroġ. Kompla li l-ispazju miftuħ li l-Kunsill jirreferi għaliha bħala pjazza hija deskritta skont Central Malta Local Plan bħala żona 'buildable area' u mhux ikkunsidrata bħala pjazza. Fil-fatt, il-Kunsill qiegħed iħallas ċens tal-art wara li Kunsill preċedenti kien ħa develouzzjoni tal-imsemmija art.

57.14.14 Il-Kunsillier Bernice Farrugia esprimiet il-ħsieb tagħha li kienet favur dan il-proġett għal mod ta' kif ġie ippreżentat però uriet ukoll il-konċernament tagħha dwar id-dewmien li jieħu proġett ta' din ix-xorta. Staqsiet ukoll dwar il-binja proposta tal-Kunsill fejn talbet spjegazzjoni dwar fejn eżatt ser tkun l-entratura tal-binja.

57.14.15 Il-Perit wieġeb għall-mistoqsija tal-Kunsillier Farrugia u spjega li estetikament il-binja ser ikollha numru ta' arkati biex tikkumplimenta mal-arkati eżistenti fejn hemm il-ħwienet.

Kompla bid-dettalji dwar il-binja li se tkun tinkludi Sala, Uffiċċju tas-Sindku u tas-Segretarju, u kmamar oħra li jservu bħala Uffiċċju għal Customer Care tal-Kunsill, u kmamar oħra għal servizzi varji għall-benefiċċju tal-komunità, bathrooms u latrina pubblika.

57.14.16 Fuq dan il-punt, is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant riċentement nieda Espressjoni ta' Interess għal żvilupp u titjib ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi. Din hija opportunità oħra ta' fondi fejn il-Kunsill ikun jista japplika meta naslu f'din il-fażi dment li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali jibqa jalloka fondi għal dan l-iskop.

57.14.17 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm aktar mistqosijiet x'isiru mill-Kunsillieri. Il-mistoqsijiet kollha ġew imwieġba mis-Sindku u mingħand il-Perit li spjega fid-dettal dan il-proġett propost u wieġeb għal kull mistoqsija li saret dwar dan il-proġett propost.

57.14.18 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li ladarba jidher li hemm il-kunsens sħiħ tal-Kunsill, il-pjan ikun li l-Kunsill permezz tal-Perit jissottometti d-dokumentazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar biex nitilqu bil-proċess.

57.14.19 Il-Perit tal-Kunsill spjega l-proċess sħiħ meta l-Kunsill jissottometti d-dokumentazzjoni. Wara li jkun sar il-proċess ta' vetting u l-Perit ikun issodisfa dak li jkun mitlub, il-Kunsill iħallas il-kont lill-Awtorità tal-Ippjanar u joħroġ awtomatikament Planning Application number. Is-sottomissjoni tiswa Eur50. Malli joħroġ il-Planning Application no. jibdew jgħoddu l-100 jum li huwa l-minimu bil-liġi fejn proprju f'dan il-perjodu ikun iż-żmien tal-konsultazzjoni pubblika. F'dan l-istadju, l-Consultees li jinkludu ERA, CRPD, TM, CPD u aġenziji oħra jkollhom l-opportunità li jissottomettu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom. Il-Perit informa li site notice li teħel mill-applikant hija awtomatikament parti mill-konsultazzjoni pubblika għax tkun esibita f'post vizibbli biex ikun jista jaraha l-pubbliku.

57.14.20 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Perit jekk jistax jipprovdi l-Bill of Quantities qabel ma l-Kunsill jissottometti d-dokumentazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

57.14.21 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill għandu jimxi mad-direzzjoni tal-Perit. Kompla billi qal li matul iż-żmien ta' konsultazzjoni, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa pubblika biex jispjega l-proġett.

57.14.22 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li jekk hemm qbil unanimu dwar dan il-proġett, qal li jkun tajjeb li mmexxu bil-proċess biex ma nitilfux aktar żmien.

57.14.23 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo esprimiet is-sodisfazzjon tagħha dwar il-pjanti l-ġodda u għamlet il-qalb lill-Kunsill biex nitilqu b'dan il-proġett ambizzjuz li ċertament għandu jkun proġett għall-komunità tal-Iklin.

57.14.24 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ikkonkluda li sakemm il-proġett propost ikun finanzjarjament vijabbli għall-Kunsill, huwa kien ser jivvota favur il-pjanti riveduti kif ippreżentati mill-Perit waqt din is-seduta. Il-Kunsillier Zammit żied jgħid li jekk fl-eventwalità li l-Kunsill jasal biex iwettaq dan il-proġett, il-Kunsill irid jimxi strettament mar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku.

57.14.25 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li llum 16 ta' Marzu 2023 inkitbet l-istorja ta' din il-leġiżlatura għaliex jidher li hemm qbil unanimu dwar dan il-proġett. *Nem con*.

57.12.26 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jawotirzzaw l-ispejjeż amministrattivi u s-servizzi ta' perizja.

## 57.15 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

57.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 13 ta' April 2023 fil-5.30 p.m.

57.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' April 2023 fil-5.30 p.m.

57.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.30 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv